**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 8/2014**

**Illum: 12 ta' Marzu, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Jonathan Felice**
**(ID 389288(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Felice ta' 24 sena, iben Emanuel u Maryanne xebba Bugeja, imwieled il-Pieta` fit-12 ta' Marzu 1988, prezentement residenti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u Blokk 2, Flat 13, Triq id-Deheb Fin, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 389288(M);

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Novembru 2012 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00 a.m.) u zmien qabel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhijiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra impjegata fil-habs, minghajr l-Awtorita` legittima dahhal, jew ippruva jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun, li hu ipprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs;

3. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-10 ta' Novembru 2012, ghall-habta tal-10:00 a.m., gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Ufficjali tal-Habs ossia CO 180 Mario Ellul, CO 143 Noel Buttigieg u CO 154 Chris Farrugia ghamlu spezzjoni ghall-gharrieda fic-cella numru 8, Divizjoni 11, dak iz-zmien okkupata mill-imputat odjern. Waqt din it-tfittxija, fuq il-gwardarobba, huma sabu kontenitur *roll-on deodorant* tal-marka *Dove*, li fih kien hemm zewg bocci li kienu jikkontjenu sustanza kannella, taht xi *tissues*. B'din is-sejba, giet infurmata l-Ghassa ta' Rahal Gdid u izjed tard, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija, wara li huwa nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx. L-imputat innega li dan il-kontenitur u s-sustanzi misjuba fih kienu tieghu.[1]

Mix-xhieda ta' CO 143 Noel Buttigieg jirrizulta illi l-kontenitur bis-sustanza suspettuza nstab fuq il-gwardarobba, li kienet tinsab fuq ix-xellug tal-bieb tac-cella, bejn metru jew zewg metri mid-dahla tac-cella u gholja madwar sitt piedi. Jghid illi l-prigunieri jkollhom spazju fejn iqeghdu l-bottijiet tax-*shampoos* u oggetti simili u li dan il-kontenitur kien ma' dawn l-oggetti. Meta marru sabiex jaghmlu t-tfittxija, fic-cella mal-imputat kien hemm prigunier iehor, certu Justin Polidano, li ma kienx jghix f'din ic-cella, izda f'cella ohra fis-sular ta' fuq. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi jsiru tfittxijiet ta' rutina u *at random* u ma ftakarx jekk din it-tfittxija saritx a bazi ta' informazzjoni li rcevew minghand terza persuna. Lanqas ma ftakar jekk kienx il-Maggur li kien tahom struzzjonijiet dakinhar biex jaghmlu tfittxija f'din ic-cella partikolari. Jghid ukoll illi l-kontenitur in kwistjoni nstab f'post (ossia fuq il-gwardarobba) li kien jidher anke mill-bieb tac-cella u li kien hemm affarijiet ohrajn hdejh, ghalkemm ma ftakarx jekk kienx hemm izjed minn *deodorant* wiehed. Jghid ukoll illi c-celel jinfethu ghall-habta tas-6.00 a.m. ghal dawk li jahdmu, u fit-7.45 a.m. ghall-bqija tal-prigunieri. Jergghu jinghalqu bejn 12.00 p.m. u n-12.30 p.m. u jinfethu fis-2.00 p.m. Ghall-habta tal-4.00 p.m., jergghu jinghalqu c-celel kollha, izda l-prigunieri

[1] Ara l-istqarrija tal-imputat esebita a fol. 20 *et seq* tal-process.

jistghu jaghzlu li jibqghu barra mic-cella. Jghid ukoll illi meta c-celel ikunu miftuhin, il-prigunieri jmorru fic-celel ta' xulxin.[2]

Fix-xhieda tieghu CO 180 Mario Ellul jghid illi ghall-habta tal-10.00 a.m. ghamlu spezzjoni fic-cella tal-imputat odjern u li waqt li huwa kien qieghed ifittex fuq il-gwardarobba, li tinsab fuq ix-xellug, xi metru u nofs l'boghod mill-bieb tac-cella, huwa sab bott tad-*Dove roll on*, fethu u fih kien hemm it-*tissues* u li x'hin qalaghhom, sab zewg bocci bi trab suspettuz. Ix-xhud jghid ukoll illi fuq l-istess xkaffa, kien hemm ukoll affarijiet tal-hasil u bott iehor tar-*roll on*, li fethu wkoll izda fih ma sab xejn illegali. Jikkonferma wkoll illi kien hemm prigunier iehor, certu Justin Polidano, flimkien mal-imputat fic-cella, hekk kif dahlu jaghmlu t-tfittxija, izda dan ma kienx jghix fic-cella mal-imputat. Jghid illi jekk jiftakar sew, dak il-hin Polidano kien bil-qeghda fuq is-sodda, li tinsab faccata tal-gwardarobba. Jghid ukoll illi l-imputat qalilhom li ma kienx jaf x'inhu dak il-bott li nstab.[3]

Fix-xhieda tieghu, CO 154 Christopher Farrugia kkonferma s-sejba ta' bott tad-*Dove roll-on* fuq il-gwardarobba tac-cella tal-imputat, fil-jum in kwistjoni, u li meta dan il-bott infetah minn CO 180 Mario Ellul, instabet sustanza kannella. L-imputat qalilhom li ma kienx jaf kif dan gie hemmhekk. Jghid ukoll illi x'hin dahlu fic-cella, kien hemm prigunier iehor, certu Justin Polidano, li kien qieghed bil-qeghda fuq is-sodda hdejn l-imputat. Ix-xhud ikompli jghid illi fuq il-gwardarobba fejn instab ir-*roll-on*, kien hemm ukoll affarijiet ohrajn bhal *shampoo* u oggetti simili. In kontro-ezami, huwa jghid illi s-sustanza kienet "*tonda zghira fis-sens, go borza tal-plastic qisu*"[4] ossia trab kannella go borza tal-plastik zghira u li kien hemm tnejn. Jghid ukoll illi l-imputat qalilhom li ma kienx jaf kif dan ir-*roll on* kien qieghed fil-post fejn instab.[5]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata dokument mill-Ispettur Jurgen Vella nhar it-13 ta' Novembru 2012, liema dokument kien jikkonsisti f'*evidence bag* bin-numru A01674665 li fih flixkun ta' *DOVE* li go fih kien hemm (i) xi *tissues* u (ii) qratas tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn kannella. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella, instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tat-trab kien ta' <u>3.1 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 29%. In oltre skont l-istess relazzjoni, kien hemm b'kollox erbat iqratas bis-segwenti pizijiet: 0.63 grammi,

---

[2] Ara din ix-xhieda a fol. 48 sa 58 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' CO 180 Mario Ellul, a fol. 59 sa 63 tal-process.
[4] A fol. 66 tal-process.
[5] Din ix-xhieda tinsab a fol. 64 sa 70 tal-process.

0.56 grammi, 1.26 grammi u 0.65 grammi.[6] Il-kontenut ta' din ir-relazzjoni gie kkonfermat mill-espert fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.[7]

Mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 612 Theo Vella, gew esebiti ritratti li juru l-kontenitur, it-*tissues* u s-sustanza in kwistjoni.[8]

Kif inghad, l-imputat irrilaxxja stqarrija dakinhar tas-sejba in kwistjoni u ghazel li jixhed ukoll f'dawn il-proceduri[9]. Huwa jghid illi ma kienx jaf b'din id-droga u lanqas bil-kontenitur li fiha din instabet, li dawn ma kinux tieghu, li c-cella tieghu tkun miftuha u illi dejjem kienu dehlin u hergin in-nies mic-cella tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina. M'hemmx dubju illi din id-droga nstabet fil-pussess materjali tal-imputat u dan fis-sens illi din instabet f'kontenitur fuq il-gwardarobba tac-cella okkupata minnu, fuq liema gwardarobba kien hemm ukoll oggetti ohrajn li jappartjenu lill-istess imputat. Dwar dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiza illi, madankollu, tissottometti illi l-att formali ma jirrizultax u dan stante illi l-imputat ma kellux ix-xjenza li trid il-ligi fir-rigward tad-droga hekk misjuba u ghaldaqstant, skont id-difiza, huwa ma jistax jinstab hati tal-pussess tad-droga eroina.

L-ewwel punt li trid tiddeciedi dwaru l-Qorti ghalhekk huwa jekk jirrizultax illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-ligi sabiex jista' jinghad illi huwa kien fil-pussess tad-droga.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju 1997, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs John Borg**</u>:

"*Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal <u>pussess</u> ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta*

[6] Ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 85 *et seq* tal-process.
[7] Ara x-xhieda tal-espert Sammut a fol. 102 sa 104 tal-process.
[8] Ara r-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella a fol. 98 sa 101 tal-process.
[9] A fol. 116 sa 127 tal-process.

*bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

F'kaz iehor, ukoll deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Frar 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif**, inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

F'dan il-kaz, id-difiza tistrieh fuq il-fatt illi c-celel ikunu miftuhin f'certi hinijiet u illi l-prigunieri ta' spiss jidhlu u johorgu fic-celel ta' xulxin. Dan fil-fatt jirrizulta anke mix-xhieda ta' CO 143 Noel Buhagiar in kontro-ezami. Biss il-Qorti ma tqisx illi b'daqshekk, l-imputat ipprova, imqar sal-grad tal-probabbli, illi huwa ma kienx jaf bid-droga li nstabet fic-cella tieghu, jew li kien haddiehor li poggielu hemmhekk dik id-droga, kif jallega fl-istqarrija tieghu u kif jaghti x'jifhem ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet: fl-ewwel lok, f'dan il-kaz ma nstabux xi tracci zghar ta' droga, izda t-trab in kwistjoni kien jikkonsisti f'ben 3.1 grammi – ammont dan li ghalkemm mhux xi ammont stroardinarju pero` certament li m'huwiex insinjifikanti u jassumi izjed sinjifikat meta wiehed iqis li dan instab gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fejn kif huwa risaput, doza eroina, apparti li tiswa izjed, tkun ukoll izghar minn doza tipika fit-triq, ghal ragunijiet ovvji. La darba

doza tipika ta' eroina fit-triq hija bejn 0.1 grammi u 0.2 grammi, dan ifisser illi mill-ammont misjub wiehed kien johrog bejn 15 u 31 doza eroina u izjed minn hekk, meta wiehed jikkunsidra li fil-habs id-dozi jkunu izghar minn doza tipika fit-triq. Ifisser ukoll, ikkunsidrat il-valur ta' din id-droga fl-ambjenti li nstabet, illi mhuwiex verosimili u lanqas probabbli illi terz jew terzi hallew din id-droga fic-cella tal-imputat ad insaputa tieghu. Min irid jaghmel vendikazzjoni, kif jallega l-imputat fl-istqarrija tieghu, ma jhallix dan l-ammont kollu ta' droga tenut kont tal-valur taghha fil-habs u in oltre, hadd m'huwa ser ihalli d-droga fil-pussess materjali ta' haddiehor u ad insaputa tieghu sabiex jahbiha, bil-possibilita` illi dan il-haddiehor isibha hu. Tqis ukoll il-Qorti illi l-imputat stess fl-istqarrija tieghu jghid illi d-detenuti kollha fid-divizjoni jmorru fic-cella tieghu – b'kollox xi sittin ruh – u illi "*jien m'ghandix problemi ma' hadd*"[10], biex imbaghad mumenti wara fl-istess stqarrija, huwa jghid illi jahseb li din kienet xi vendikazzjoni, u jghid ukoll illi ma jafx min seta' ghamilhielu u lanqas jekk kienx hemm min kellu ghalih. La fix-xhieda tieghu u lanqas fl-istqarrija, ma jghid l-imputat illi kellu xi problemi ma' xi hadd jew li kellu xi jghid jew jindika min seta' ried jaghmillu l-hsara u lanqas ma jgib xi prova f'dan is-sens, anzi kif inghad, fl-istqarrija tieghu jghid illi tant ma kellu problemi ma' hadd fid-divizjoni illi d-detenuti kollha, b'kollox xi sittin ruh, kienu jidhlu ghandu. In oltre fl-istqarrija tieghu, ghalkemm jghid illi jahseb li din kienet xi vendikazzjoni, biss fl-istess waqt, jghid ukoll meta gie ssuggerit lilu illi li kieku din id-droga akkwistaha haddiehor, dan ma kienx jaghmilha fic-cella tieghu (tal-imputat), izda jehodha hu u jahbiha – "*Forsi dan ix-xi hadd kien jahbiha ghandi u jigi jiehu minnha*"[11]. Mela allura skont l-imputat, jista' jkun il-kaz ukoll li prigunier iehor heba d-droga fic-cella tieghu, minghajr ma kien jaf hu, biex imbaghad dan joqghod jiehu minnha bil-mod, ukoll minghajr ma jkun jaf l-istess imputat! Lanqas din it-tezi m'ghandha mill-probabbli jew mill-verosimili, ghaliex hadd m'huwa ser ihalli d-droga tieghu fil-pussess ta' terza persuna minghajr ma jkun jaf, bir-riskju li dan tal-ahhar jiskopriha u jaghmel uzu minnha hu jew jiddisponi minnha xort'ohra. Dan kif inghad, izjed u izjed, meta si tratta dwar droga fil-habs u ammont ta' 3.1 grammi ossia ammont li huwa pjuttost konsiderevoli fil-parametri tal-habs. Matul ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, imbaghad, l-imputat donnu jerga' lura ghall-verzjoni tal-vendikazzjoni u jinsisti li c-celel ikunu miftuhin ghall-hin twil u li l-prigunieri jidhlu fic-celel ta' xulxin. Il-Qorti tinnota wkoll illi d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha taghmel hafna allegazzjonijiet dwar is-suspetti taghha illi xi terz jew terzi poggew id-droga fic-cella tal-imputat u li mbaghad dawn ghaddew l-informazzjoni lill-awtoritajiet u li per konsegwenza saret it-tfittxija in kwistjoni proprju fic-cella tal-imputat odjern.

[10] A fol. 21 tal-process.
[11] A fol. 21 tal-process.

Madankollu, il-Maggur Dennis Cassar, li skont ir-rapport ta' WPS 167 Justine Grech, kien l-ufficjal li ta struzzjonijiet biex issir din it-tfittxija, baqa' ma xhedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma jirrizultax dak allegat mid-difiza illi din it-tfittxija saret a bazi ta' informazzjoni li rcevew l-awtoritajiet tal-habs. Lanqas l-Ufficjali tal-Habs li ghamlu din it-tfittxija ma jghidu dan, izda jghidu sempliciment li jsiru tfittxijiet *at random*. Ghalhekk din l-allegazzjoni tad-difiza tibqa' biss allegazzjoni. Tinnota wkoll il-Qorti illi skont l-imputat din il-gwardarobba li fuqha huwa kien iqieghed l-affarijiet personali tieghu, u fejn proprju nstab dan il-kontenitur bid-droga, kienet wiesa' ftit izjed minn metru u li din kienet gholja t-tul tieghu. Ghalkemm l-imputat jghid illi kellu diversi affarijiet fuq din il-gwardarobba u ghalhekk huwa qatt ma kien ra dan il-kontenitur, biss jghid ukoll illi dakinhar stess, filghodu, huwa kien uzu *deodorant* iehor li wkoll kien fuq l-istess gwardarobba. In oltre hawn qed nitkellmu fuq cella zghira u fuq gwardarobba li anke jekk kellha diversi oggetti fuqha, ma kinitx xi gwardarobba enormi li facilment wiehed jintilef fiha! In oltre il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi kien jaf fejn instab dan il-kontenitur bid-droga fih, ghaliex kif jghid huwa stess, kien prezenti waqt din it-tfittxija, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, huwa jipprova jaghti l-impressjoni li lanqas kien jaf fejn instab u li jassumi li nstab fuq il-gwardarobba ghaliex dak il-hin, l-ufficjali kienu qed ifittxu hemmhekk.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-ligi dwar id-droga misjuba fic-cella tieghu, u ghaldaqstant tqis ukoll illi huwa kien fil-pussess tal-istess droga.

Kif inghad, l-imputat gie akkuzat bil-pussess aggravat u mhux bil-pussess semplici tad-droga eroina. F'dan ir-rigward, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**, inghad hekk:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

Kif inghad, ammont ta' 3.1 grammi m'huwiex ammont li normalment wiehed jassocjah ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur u dan b'mod partikolari meta

wiehed iqis li d-droga hija eroina u li din instabet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li, fil-fehma tal-Qorti, irendi dan l-ammont izjed serju. Da parti tieghu, l-imputat iddefenda ruhu billi nnega li din id-droga kienet tieghu u ma gab l-ebda prova li huwa kien jaghmel uzu mid-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni. Anzi l-imputat jghid illi huwa qatt ma uza droga fil-habs u in oltre l-unika droga li jghid illi ghamel uzu minnha xi zmien qabel dahal il-habs, kienet il-haxixa. Mill-fedina penali tal-imputat kif aggornata saz-zmien tal-kaz odjern, jirrizulta illi f'okkazzjoni wahda fis-sena 2007, huwa nstab hati talli kien fil-pussess tar-raza tal-*cannabis*. Ghalhekk mill-atti, ma tirrizulta l-ebda prova li l-imputat kien jikkonsma d-droga eroina.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat gie akkuzat talli fil-jum in kwistjoni, huwa dahhal jew ipprova jdahhal oggett projbit gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm l-imputat instab fil-pussess tad-droga eroina, mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova li kien huwa li dahhal din id-droga fil-habs u lanqas li kien komplici sabiex din id-droga tiddahhal fil-habs.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 6 ta' Jannar 2012, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) (Spettur Michael Mallia) vs Jonathan Felice, *Omissis*', mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-appellant f'dak il-kaz, huwa identika ghan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat odjern. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza inghatat proprju fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti li permezz taghha, l-imputat gie kkundannat ghall-piena ta' tliet snin prigunerija. Kif inghad, din is-sentenza inghatat fis-6 ta' Jannar 2012, jigifieri ftit xhur qabel il-kaz odjern u ghalhekk x'aktarx illi din il-piena kienet ghadha ma gietx skontata sal-10 ta' Novembru 2012, jew tal-inqas, mill-atti dan ma jirrizultax. Anzi fiz-zmien tal-kaz, l-imputat kien qieghed proprju fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u kien ilu hemm, skont hu, xi sena. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala recidiv biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi *inter alia* diversi kundanni dwar hsara volonarja, serq aggravat, tentattiv ta' serq aggravat u reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija f'erba' okkazzjonjiet u pieni pekunjarji, tqieghed taht Ordni ta' *Probation* f'zewg okkazzjonijiet u nghata liberazzjoni kundizzjonata.

Tqis ukoll in-natura tar-reat fl-ewwel imputazzjoni, diga` minnu nniffsu serju u rez izjed gravuz bil-fatt illi dan sehh fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu.  F'dan ir-rigward, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-imputat kien prigunier fiz-zmien tal-kaz.  Tqis ukoll il-piz tas-sustanza in kwistjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 33A u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirreferi ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirreferi ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u qed tikkundannah ghall-piena ta' hmistax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament jithallas fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, tmienja u disghin ewro, tlieta u tmenin centezmu (€198.83), kif ukoll l-ispejjez konnessi mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 612 Theo Vella, ammontanti ghas-somma ta' erbghin ewro, tlieta u sebghin centezmu (€40.73), b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma

ta’ mitejn, disgha u tletin ewro, sitta u hamsin centezmu (€239.56), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat